MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2015

Numru. 145/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Giuseppe Farrugia**

Kaz Numru: 145/2015

Illum 12 ta' Mejju, 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Giuseppe Farrugia,** ta' wiehed u tmenin (81) sena, bin Michele u Rosa neé Costa,

imwieled Rabat, Ghawdex, fil-4 ta' Awwissu 1933, u residenti ta' 63, 'Joselen', Triq il-Kappucin, Rabat, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-Numru 58033(G), akkuzat talli fl-4 ta' Dicembru 2014 ghall-habta ta' 10.00 ta' filghodu fl-inhawi maghrufa l-Qasam, limiti ta' San Lawrenz, Ghawdex u jew fil-vicinanzi:

1. ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolamenti Dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat), mhux skont dawn ir-regolamenti u mhux skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenza moghtija tahthom u dan bi ksur ta' Regolamenti 4(1)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

2. fl-istess lok, hin, data u cirkustanzi kkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu b'xi mezz, xi ghasfur meta ma kienx jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenza u f'kull ligi ohra u cioé ghamel uzu minn ghasafar tal-ghajjat jew tat-tahrik minghajr ma kellhom curkett maghluq jew curkett li jintuza darba biss kif approvat mit- Taqsima tar-Regolamentazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, dan bi ksur tal-kundizzjoni numru 13 tal-Licenzja Specjali ghall-Insib tal-Ghasafar tal-Ghana fil-Harifa tal-2014, u dan bi ksur ta' Regolament 12(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

3. fl-istess lok, hin, data u cirkustanzi zamm ghasafar, kemm hajjin kemm mejtin, jew parti minn xi ghasafar mhux imsemmijin fl-Iskeda II jew l-Iskeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni, meta dawk l-ghasafar ma kienux ittiehdu fi Stat Membru iehor fejn ikunu jistghu jittiehdu jew jinqabdu legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-Istat Membru l-iehor u dawk l-ghasafar ma kienux migjuba f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat;

4. fl-istess lok, hin, data u cirkustanzi naqas milli jzomm fil-pussess tieghu u ghall-perjodu kollu li kien fil-pussess ta’ kampjuni ta’ xi ghasafar mhux imsemmija fi Skeda II jew III, il-permessi, certifikati u dokumenti ohrajn kollha li jippruvaw ghas-sodisfazzjon tal-awtorita' kompetenti li dawk il-kampjuni ma kinux miksuba kontra d-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta’ Regolament 4(1)(f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati in kwistjoni u kif ukoll l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Regolamenti 4(1)(a), 4(1)(f), u 12(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' elf Euro (€ 1000.00).

Il-Qorti tordna is-sospensjoni tal-licenzja tal-kacca u nsib tal-imputat ghal zmien sena mil-lum.

Finalment, il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-dokumenti mmarkati minn "FAT 1" sa "FAT 3".

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------